MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 984/2009/1

**John Coleiro u Grace Coleiro f'isimhom proprju u f'isem Right Products Limited (C-11343)**

**v.**

**Louise Cutajar f'isimha personali u Etienne Borg**

**f’isem is-socjeta` House of Tuning Limited (C-42675)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi fejn jesponu:

> “Illi l-attur kien jikri l-fond 24B u 25 gewwa Triq il-Gzira, Gzira li kien maghruf bhala “Car Classics”, illum maghruf bhala House of Tuning u dana minghand is-sid attwali Marthese Brincat;
>
> “Illi l-attur ma xtaqtx ikompli l-kera ta’ l-imsemmi fond, u b’kuntratt datat 29 ta’ Ottubru, 2007 l-attur ceda u assenja il-kirja ta’ dan il-fond favur il-konvenuta Louise Cutajar versu s-somma ta’ tmintax il-elf sitt mija u erba u tletin ewro u disa u disghin centezmu (€18,634.99), pagabbli fi hdax il-elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u seba u tmenin centezmu (€11646.87) mal-approvazzjoni ta’ overdraft favur il-konvenuta Louise Cutajar u dana sal-gimgha 2 ta’ Novembru, 2007 u l-bilanc ta’ sitt elef disa mija u tmienja u tmenin ewro u tnax il-centezmu (€6988.12) pagabbli fi tlett pagamenti ta’ elfejn tlett mija u disa u ghoxrin ewro u seba u tletin centezmu (€2329.37) u dan flimkien ma l-imghax ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8%) pagabbli fuq ir-rata tal-kapital;
>
> “Illi l-konvenuta Louise Cutajar baqghet qatt ma hallset l-imsemmija pagamenti hekk minnha dovuti;
>
> “Illi inoltre is-socjeta` attrici Right Products Ltd forniet lill-konvenuti b’merkanzija u dana f’forma ta’ stock u oggetti li kienu jinstabu fl-imsemmi hanut meta l-kirja tal-istess giet assenjata lill-konvenuta Louise Cutajar fl-ammont ta’ €37988.79 ghal liem stock u oggetti l-konvenuti baqghu ma hallsux;
>
> “Illi l-inventarju tal-imsemmija stock jinstab indikat fid-dokument B u l-invoices relattivi ghall-istess dokument C.

"Illi l-atturi jiddikjaraw li sa fejn jafu huma, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjonijiet fil-ligi x'jaghtu kontra din it-talba.

"Talbu illi din il-qorti;

"1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. Tiddikjara li l-konvenuti in solidum bejniethom huma debituri tal-atturi, ghall-ammont ta' €44976.91;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu l-ammont imsemmi dovut lill-atturi.

"Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1504/09 ipprezentat fl-4 ta' Settembru, 2009 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu l-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tal-konvenuti illi jikkontestaw il-kawza peress li:

*"... ... jirrizulta mill-kitba u ghaldaqstant stipulazzjonijiet mhux imnizzla bil-miktub ma jitqiesux bhala parti mill-ftehim, u billi wkoll il-quantum tad-dejn jirrizulta minn dokumenti esebiti fil-process u d-dejn billi kummercjali huwa solidali bejn il-konvenuti, il-Qorti tichad it-talba ghall-kontestazzjoni."*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-istess jum tal-14 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha l-Qorti ddecidiet illi:

"Rat illi r-rikors mahluf u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda dawn ghalkemm dehru ma wrewx li ghandhom raguni tajba biex jithallew jikkontestaw it-talba.

"Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fir-rikors mahluf, bl-ispejjez."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti fejn talbu li din il-Qorti:

"1. Tirrevoka, thassar u tikkancella s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi datata l-14 ta' Ottubru, 2010 flimkien mad-digriet tal-14 ta' Ottubru 2010, fejn l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-konvenut sabiex jithalla jikkontesta l-kawza, tordna l-prosegwiment tal-kawza u tipprefigi terminu sabiex l-istess konvenuti appellant jithallew iressqu l-eccezzjonijiet taghhom u kwindi tirrimetti lura l-process lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal dan l-iskop u ghall-prosegwiment tal-kawza skont il-ligi;

"2. Tirrevoka, thassar u tikkancella s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi datata l-14 ta' Ottubru 2010 fejn din laqghet it-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, u dan billi tichad l-istess."

Rat ir-risposta tal-appellati li permezz taghha fost affarijiet ohra, talbu l-konferma tas-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

**L-Aggravji tal-Appellanti**

L-aggravji tal-appellanti bazikament huwa li l-kreditu allegat mill-atturi mhuwiex cert u likwidu u li huma ghalhekk kellhom eccezzjonijiet x'iressqu u allura t-talba attrici biex il-kawza tigi deciza bil-procedura skont l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura – hekk imsejjha *tal-giljottina*, ma kellhiex tigi milqugha. L-appellanti pero` indikaw fir-rikors taghhom illi huma riedu jintavolaw erba' eccezzjonijiet u cioe`; li appuntu l-ammont reklamat mhux cert u likwidu; li Louise Cutajar mhijiex legittima kontradittrici fir-rigward it-talba ghal hlas tal-prezz tal-i*stock*, li l-ftehim tal-istess *stock* kien wiehed ta' *sale and return* u li l-kitba tac-cessjoni tal-kirja kienet vizzjata b'qerq.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellanti li f'kawzi pprezentati skont l-artikoli msemmija, f'dan l-istadju l-Qorti ma ghandhiex tara min ghandu effettivament ragun, izda jekk il-konvenut ghandux difiza valida x'jaghti. Kif qalet din l-istess Qorti f'sentenza ricenti taghha (**Billboard Advertising Limited v. Stefan Vassallo (6 ta' Frar 2015):**

> *"Wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh li l-procedura in kwistjoni hija wahda eccezzjonali u li hija l-uniku kaz fejn il-Qorti tiddispensa mis-smigh tal-kawza u allura hija eccezzjoni ghal massima daqstant importanti ta'* ***audi alteram partem****. Kwindi tista' tigi applikata biss bil-massima cirkospezzjoni u jekk l-attur ikun jaf li hemm eccezzjonijiet x'jitressqu (anke jekk dawn jistghu ma jirrizultawx gustifkati wara li jkunu gew trattati) l-istess procedura tista' tkun abusiva (vide* ***Fenech v. Camenzuli****, Prim'Awla, 25 ta' Ottubru 1985). Din il-Qorti ghamlet ukoll enfasi dwar l-importanza ta' din id-dikjarazzjoni fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Giuseppe Carabott v. Stefania Carabott****, deciza fis-27 ta' Novembru 2009."*

Kif qalet ukoll din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Valletta Aluminium And Wrought Iron Works Limited v. Carmen Grech, (8 ta' Mejju 2001**), il-Ligi tal-Procedura, f'kawzi simili, "*gia` tpoggi lill-konvenut f'posizzjoni ta' svantagg billi fl-ewwel lok, tesigi l-presenza fizika fil-jum tas-smigh u imbaghad li jkun pront mid-difiza tieghu biex jikkonvinci lil Qorti li kellu eccezzjonijiet validi x'jaghti fuq bazi ta'* ***prima facie***."

Il-Qorti allura fl-istadju biex tiddetermina jekk il-konvenut ghandux jinghata l-fakolta` li jikkontesta l-kawza, ghandha tkun certa li meta tirrifjutalu dik il-fakolta`, ma jkollux eccezzjonijiet validi x'iressaq, kif fil-fatt ikun ikkonferma bil-gurament l-istess attur meta jintavola l-kawza.

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti tinnota li parti sostanzjali mid-dokumenti esebiti mill-atturi huma '*hand written'* (presumibilment minn xi hadd minnhom stess) u sar in konnessjoni mal-ghadd tal-istokk (*stock taking*) li sar meta giet mghoddija l-kirja inkwistjoni. Il-Qorti jidrilha li f'dak il-kaz, il-konvenuti kellhom jinghataw il-fakolta` jikkontestaw l-ammonti peress li fid-dokumenti nnifishom ma hemm ebda indikazzjoni diretta tal-ammonti relattivi ghal **kull** oggett indikat f'dak l-i*stock taking*. Naturalment dan ma jfissirx li l-ammonti indikati mill-atturi mhux korretti, izda biss li f'sitwazzjoni simili, ladarba l-konvenuti dehru biex jikkontestaw it-talba kollha attrici u l-ammont mitlub, ghalkemm '*prima facie'* likwidu, mhuwiex daqshekk **cert** kif qed jallegaw l-atturi, din il-kwistjoni ghalinqas kienet timmerita approfondiment ulterjuri.

Stabbilit dan ma hemmx lok li din il-Qorti tikkummenta aktar izda f'dan istadju huwa desiderabbli ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja fil-kaz in ezami li l-konvenuti jinghataw il-fakolta` li jiddefendu l-kawza kif jidrilhom u kif ghandhom dritt, independentement jekk ghandhomx ragun jew le.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu u allura tirrevoka l-provvediment li permezz tieghu l-ewwel Qorti pposponiet il-kawza biex tiddecidiha skont l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tordna li l-atti jergghu jintbaghtu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex l-appellanti jinghataw iz-zmien jipprezenta risposta guramentata u biex il-kawza tinstema skont il-ligi.

L-ispejjez ta' dan l-appell fic-cirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------